Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' April, 2008

Numru 825/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Arab Diaeddin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Arab Diaeddin ta’ 40 sena iben Omar u Lutfija nee’ Ghedamsi, mwieled il-Libja fl-1 ta’ Mejju 1966, u residenti ‘Juno Door C’, Flat 10, Triq

Juno, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 19450A gie akkuzat talli:

Fit-3 ta' Mejju 2006 u fi zminijiet ta' qabel, f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm 1800 bi hsara ta' diversi persuni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Arab Diaeddin, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli

28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Arab Diaeddin ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija, u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda sehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin mill-lum l-imputat Arab Diaeddin jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti qed taghti lill-imputat Arab Diaeddin l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur ta’ l-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------